MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 59

[Nhar it-Tlieta 24 t' April 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Joseph Galea – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.45pm.

## 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

59.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra tal-kunsillier Joseph Galea li talab illi jkun skużat peress illi għadu qed jirkupra.
Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-emajl tal-kunsilliera Graziella Schembri li qalet illi ma tistax tattendi minħabba li kellha tieħu student tagħha l-isptar u kellha tibqa miegħu.
Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-emajl tal-kunsillier Wayne Hewitt li talab illi jkun skużat peress illi ma jiflaħx.

## 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

59.2.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti tal-laqgħa Nos 58. Il-Viċi Sindku ssekondaħ.

59.2.2 B'referenza għall-punt nru. 58.2.4 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntratturi għandom japplikaw via l-Epps.

59.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm qbil minn naħa tas-sid tal-hotel [ref pun 58.2.5] illi residenti jipparkjaw fuq l-Alighting and Boarding li se ssir ġewwa triq il-Flotta.

59.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa ma' rappreżentant tal-IOM u dawn talbu li jużaw is-sala tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 15 ta' Ġunju. Is-Sindku qabel. Il-Viċi Sindku ssekondaħ.

59.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa mas-sid ta' Adelphi Hotel u dan qal illi se jagħmlu t-Tower Crane ġewwa s-sit. Fuq dan il-punt il-kunsillie Neville Chetcuti qal illi huma neħħew arblu u tabelli li kien hemm quddiem Daddy's bar.

59.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Dr. Claire Bonello, o.b.o Fondazzjoni Manoel Island, qalet illi l-kunsilliera għandom kull dritt ikunu preżenti għal-laqgħat kif ġie mitlub fil-mozzjoni [ref punt 58.7.1]

## 59.3 Korrespondenza mas-Sindku

59.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għat-talba li kienu għamlu Cherubino ftit ġimgħat ilu minħabba l-problemi li qegħdin isibu biex jidħlu bil-containers ġol-warehouse tagħhom [triq Empire Stadium]. Ura vidjo tal-problemi eżiżtenti meta jidħol makkinarju kbir fit-triq u fejn ikun hemm traffic sax-Xatt. Qal illi s-sid qed jitlob illi l-ewwel 4 parking spaces ikunu vojta matul il-ġurnata. Is-Sindku ppropna li hu jsib tlett sigħat kuljum meta jsiru d-deliveries izda l-parkings għandom ikunu tar-residenti qabel u wara. Il-kunsillier Neville Chetcuti ssekondaħ il-proposta.

## 59.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

59.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri qabel il-laqgħa.

## 59.5 Rapporti

59.5.1 **Bank Guarantees**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talbiet, u ritratti, għar-rilaxxa ammont ta'garanzija fuq il-bankina:

Rue D'Argens c/w William Reid: Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

154/156 Flotta: Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

103 Carlo Manche: Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

35 Gerry Zammit: Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

54 triq Moroni: Il-Kunsill ma qabilx illi dan jingħata l-garanzija lura sakemm is-sid ikaħħalha naqra.

59.5.2 **Tower Cranes**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talbiet għal dawn is-sites:

Cameron: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan jixtieq jagħmel Tower Crane ġos-sit tiegħu izda għand jagħlaq parti mix-Xatt għall-ġurnata biex jarmaw it-Tower Crane minn hemm.

Luqa Briffa ma St. Albert: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-applikant jixtieq jagħmel Tower Crane barra l-propjeta ta' ħaddieħor u jixtieq jaħdem fuq il-propjeta tan-nies. Żied illi dan għandu juża Tower Crane ta 40 metru minħabba s-Savoy Gardens u li r-residenti diġà lmentaw. Is-Sindku ppropona li la dan ħa jibni żewġ sulari, m'hemmx bzonn Tower Crane u jagħlaq it-triq meta hemm bzonn bħal ħaddieħor. Il-Viċi Sindku ssekondaħ il-proposta.

Adephi: Dan ġie diskuss qabel.

Gzira Road: Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi diġà ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku qal illi dan għandu jindika fejn se jħalli l-makkinarju mingħajr ma jkun hemm perikli għan-nies. Qabel illi nagħtu permess għat-Tower Crane. Il-Viċi Sindku ssekondaħ.

59.5.3 **Bye-law [kostruzzjoni]**: Ġie diskuss id-dokument. Saru l-arranġamenti meħtieġa biex tiġi approvata sal-laqgħa li jmiss.

59.5.4 **Eforms:** Is-Segretarju Eżekuttiv ta lista tal-applikazzjonijiet kollha li approvaw TM. Dawn kienu:

Triq il-Madonna tal-Ġebla u triq Antonio Sammut se jsiru one-way għal trial ta' xahar.
Triq Belvedere: Se ssir one way isfel biss.
Triq il-Madonna tal-Ġebla: Ġew approvati l-parking bays ġodda.
Triq Carlo Manche: Titneħħa parking bay minħabba aċċess għal garaxx.
Triq ir-Rebħa: Titneħħa parking bay minħabba aċċess għal garaxx.
Beautiful Creatures triq Stuart: Ġie approvat Un/Loading Bay
XZone triq Madonna tal-Ġebla: Ġie approvat Un/Loading Bay

Transport Malta ma approvawx illi ssir Bollard fuq bankina ġewwa triq Bouverie.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Il-kunsilliera qablu li nkomplu bl-aġenda tal-laqgħa.**

## 59.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

59.6.1 Il-Viċi Sindku talab illi nixtru bins oħra għal Pjazza Meme Scicluna. Is-Sindku ssekondaħ il-proposta.

59.6.2 Il-Viċi Sindku qal illi hemm periklu minħabba gallerija ġewwa triq Cameron. Is-Segretarju Eżekuttiv qal hemm bzonn l-indirizza ħalli ngħidu lill-pulizija. Huma għandhom jaraw jekk hemm bzonn nagħmlu 'cordon-off' tall-area.

59.6.3 Il-Viċi Sindku qal illi xorta hemm problema fejn il-Housing Estate peress illi qed ikun hemm ħafna nies barra. Żied illi mhux kollha qed ikunu bil-flixken tax-xorb izda residenti qegħdin isibu diffikultà biex jidħlu fil-propjeta tagħhom fil-paċi.

59.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi x-xogħolijiet fuq il-bankina ta' Sliema Road se jibdew nhar il-Ħamis 26 t'April 2018. Qal illi ħallas għall-RWP's ta Sliema Road, kif ukoll għad-detection ta' triq Manoel de Vilhena/Carlo Manche.

59.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi fl-aħħar ta' Ottubru tiskadi l-kuntratt għall-kiri tas-sala ta triq San Albert. Fakkar illi hemm bzonn naħsbu minn qabel fuq fejn se jsiru l-attivajiet li qegħdin isiru hemm bħalissa.

## 59.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

59.7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 59.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

59.8.1 Il-laqgħa intemmet fid-9pm u ġiet aġġornata għall-22 ta' Mejju 2018 fil-5.30pm. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu jsejjaħ laqgħa urġenti malli jirċievi l-Financial Statements biex dawn jiġu approvati.

Konfermati, illum il-Tlieta 22 ta' Mejju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche | Anthony Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |